

Jien jisimni Nora.
Għandi qalbi tajba, imma skont
il-mamà nivvintahom.
U skont il-papà jien praspar waħdi.
Veru, mhux l-ewwel darba li nagħmlilhom
xi waħda, imma jaħasra qatt ma nagħmilha
apposta ... u wara, dejjem nara
x'nagħmel biex jaħfruli ...




TE

Id-darba l-oħra, iddeċidejt nagħmlilha kejk lill-mamà. Imma l-biċċa hi li jien ma naf bl-ebda riċetta tal-kejkijiet u allura għamiltilha "kejk a la Nora": jiġifieri qbadt skutella u tfajt kulma sibt fil-kċina ġo fiha ... u naħseb li dal-kejk ġie vera tajjeb!

